MINUTI

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU WIEĦED U TLETIN

29 ta' Ottubru, 2014

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, s-Sur Vincent Marmara, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

SKUŻAT

Il-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Rita Bellizzi infurmat lill-Kunsill li ma tistax tattendi għas-seduta minħabba li tinsab ma tiflaħx. **Dok 1.**

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita' ma attendiex.

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

31.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

31.1.1 Fir-rigward ta' punt 30.8.7 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jeħtieġ li l-Kunsill jibgħat reminder biex issir il-laqgħa maż-Żurrieq Wolves u jiġi ffirmat il-

ftehim.

31.1.2 Il-minuti ta' seduta 30 ġew approvati.

*31.2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra*

31.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 5 ġew approvati.

31.3 *Approvazzjoni tal-Minuti Gal Xlokk u Reġjun Nofsinhar*

31.3.1 Ġew approvati l-minuti tal-Gal Xlokk numru 50 u l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar laqgħa numru 12.

*31.4 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati u tal-laqgħa li saret mal-Ispettur tal-Pulizija taż-Żurrieq*

31.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tas-seduta tas-Sotto Kumitat Anzjani u ġew approvati flimkien mal-minuti tal-laqgħa mal-ispettur tal-pulizija.

*31.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

31.5.1 Is-Sindku faħħar l-inizjattiva li ħa l-Kunsillier Joseph D'Amato fil-kunċert sabiħ li sar fil-Ġnien tal-Ġibjun. Ġibed l-attenzjoni biex għal darb'oħra isib data fejn ma jkunx hemm skola, sabiex l-attendenza tkun aktar numeruża.

Is-Sindku semma l-attivita' 'Taħt id-Dell tal-Mitħna' li saret bl-għajnuna kbira tal-Gal Xlokk u tal-kunsilliera Pierre Farrugia u Joseph D'Amato. Hu qal li din l-attivita' irnexxiet bil-kbir u kien hemm attendenza tajba ħafna u aktar milli kien mistenni. Għal din l-attivita' is-Sindku irnexxielu jġib lill-media tal-PBS u tal-One li taw muntaġġ tajjeb ħafna.

Is-Sindku qal li fil-ġurnal 'It-Torċa', sar artiklu minn rappreżentant tal-Gal Xlokk fejn semma li l-Orkestra kienet tas-Sindku. Is-Sindku nforma li r-rightup ma sarx minnu u għalhekk ma kellux x'jaqsam miegħu.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato faħħar ix-xogħol li għamel is-Sindku fl-attivita' 'Taħt id-dell tal-Mitħna' u kkonferma li kienet suċċess.

31.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta fejn indikaw ilment li sar fuq is-sistema tat-traffiku fi Triq Dun Gwann Camilleri. TM talbu l-kummenti tal-Kunsill fuq is-sistema tat-traffiku fl-imsemmija triq.

Kien hemm qbil unanimu li kollox jibqa skond is-sistema tat-traffiku preżenti.

31.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mibgħuta mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, biex jingħataw risposta għall-proposta li kienu għamlu fis-seduta preċedenti.

- Approvazzjoni li titwaħħal lapida fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa li tikkommemora l-għeluq il-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta'. Din il-lapida irdu li tkun inawgurata fit-23 ta' Novembru, 2014.

Kien hemm qbil li fl-aħħar seduta meta kienu preżenti s-Segretarju u l-President tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, s-Sindku kien talab biex is-Soċjeta' tikkunsidra li tħassar il-bojkot li hu bħala Sindku u żewġ kunsilliera oħra għandhom mis-Soċjeta' u wara tiġi diskussa t-talba imsemmija.

Is-Sindku qal li qabel ma ssir ir-rikonċiljazzjoni l-Kunsill m'għandux jiddiskuti t-talba tas-Soċjeta'. Hu żied jgħid li l-Kunsill m'għandux jiġi użat u mormi. Qal ukoll li l-lapida li s-Soċjeta' trid tagħmel, trid twaħħalha fi ġnien li jamminsitra l-istess Kunsill u hu ma jippermettix li jsir dan filwaqt li kemm hu u kemm iż-żewġ kunsilliera l-oħra ma jkunux mistiedna.

Kien hemm qbil unanimu li qabel ma l-Kunsill jieħu risposta pożittiva fuq is-suġġett tal-bojkot, it-talba tas-Soċjeta ma tiġix diskussa.

31.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li saret miż-Żurrieq Wolves biex fi Triq Ħal Far viċin il-Laboratorju tal-Paċi titneħħa parti mill-kurduna ħalli l-ilma tax-xita li jinżamm fl-akwata jkun jista jiskula tul it-triq. Dan qed jitolbuh minħabba li l-parteċipanti ta' 17 –il edizzjoni taż-Żurrieq Half Marathon ser jgħaddu mill-akwati u jekk sa ġimgħa qabel tkun għamlet ix-xita, fl-akwata jkun għad hemm għadira sħiħa.

Kien hemm qbil li jsir l-ordni għax-xogħol.

31.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata mil-Kap tal-Iskola Primarja taż-Żurrieq fejn ġibed l-attenzjoni:

- Li fil-post ta' bejn il-berġa tas-saħħa u t-Terminus Bar qed ikun hemm min jużah għal-skop ta' droga. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħalaq dan il-post b'ħajt u mhux bi grada tal-ħadid kif jinsab bħal issa.

Kien hemm qbil li jsir l-ordni għax-xogħol meħtieġ.

- Suġġeriment biex il-Kunsill jorganizza flimkien mal-iskola attivita' fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Hu qed jipproponi lill-Kunsill biex jgħin fl-għoti ta' frott lit-tfal tal-iskola - 640 tuffieħa u 640 laringa.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza din l-attivita' li minnha ser igawdu 640 tifel/tifla Żrieraq u dak inhar li ser jitqassmu jkun hemm membru/i tal-Kunsill preżenti.

31.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta għal seminar li ser isir fuq l-ansjeta' fit-tfal. Din id-diskussjoni informattiva ser tkun miftuħa għall-ġenituri, kuraturi legali, għalliema u persuni oħra li għandhom għal qalbhom is-saħħa emozzjonali u psikoloġika fit-tfal. Min japplika għal dan is-seminar għandu rata ssusidjata ta' 10Euro minflok ta' 15Euro.

Il-Kunsill ikun irid isib il-post adekwat biex isiru tali laqgħat.

Kien hemm qbil li l-Kunsill joffri l-uffiċċju fis-sular ta' fuq waqt il-ħin tal-ftuħ tal-uffiċċju.

31.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment minn residenti ta' Triq Sant Andrija, biex isir *double yellow line* ma' ġemb wieħed tat-triq u linji sofor oħra fil-ġnub tal-garaxxijiet.

Ma kienx hemm qbil ma din it-talba minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ fl-akwati.

31.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li reġgħet ġiet avviċinata minn persuni biex jilmentaw fuq kif qed jinżamm it-Torri tal-Wardija. Minn

informazzjoni li għandha mid-Direttur tal-Estate Management, it-Torri kien mogħti b'ċens għal 50 sena, liema ċens skada fl-2001 u llum it-torri jinsab okkupat mingħajr titolu.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Estate Mangement u jistaqi jekk jistax bniedem li ma jkollux titolu ta' post, jokkupa post xorta waħda. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb biex id-dipartiment isib soluzzjoni biex dan is-sit storiku jinżamm vakant u jiġi restawrat, u juri li l-Kunsill lest li jikkopera ma' għaqdiet oħra nazzjonali li jieħdu ħsieb binjiet importanti sabiex dan jiġl restawrat. Il-Kunsill madankollu qabel illi sabiex jiġl restawrat, dan jeħtieġ ammont kbir ta' fondi u allura għalissa għandha tinkiteb ittra biss fis-sens kif fuq imsemmi u ma tintalabx id-devoluzzjoni f'dan il-mument.

Il-Kunsillier Pierre Farrugia daħal għas-seduta fis-19:00

31.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rapport fuq Traffic Management f'Misraħ Mattia Preti, li ħejja l-Perit William Lewis.

Kien hemm qbil ma dan ir-rapport u approvat biex jitressaq lill-Transport Malta.

31.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' tlett automatic bollards biex jiġu nstallati f'Misraħ Mattia Preti. L-istima ġiet tiswa €6,244.56 li ma tinkludix it-twaħħil tagħhom.

Minħabba li l-istima kienet ogħja wisq, kien hemm qbil li jissewwew il-bollards preżenti u jekk tali bollards ma jistgħux jissewwew, jerġgħu jsiru bollards simili.

31.5.10 Is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill jissieħeb fl-International Association of Peace Messenger Cities, li għaliha huwa wkoll imsieħeb il-Kunsill ta' Morphou. Din is-sħubija tiswa ħames mitt Euro fis-sena(€500). Hu żied jgħid li l-Laboratorju tal-Paċi li jinsab fil-konfini taż-Żurrieq ser jinbidel ir-rwol tiegħu u ser jibda jagħti aktar kontribut lill-emigranti.

Il-Kunsillier David Abdilla li f'isem is-Sindku attenda għall-rally favur il-paċi li jsir kull sena f'Morphou, qabel ma din il-proposta u ħeġġeġ lill-Kunsill biex jaċċetta li jħallas din is-sħubija fuq għan nobbli. Hu qal li waqt il-mawra tiegħu kien hemm seminars ta' diskussjoni fuq proposta biex issir petizzjoni fuq il-paċi, online, madwar id-dinja. Waqt li kien Morphou żar

id-djar li ġew okkupati mit-Torok, ċimiterju u knejjes imfarkin. Hu żied jgħid li dawn il-persunu jixtiequ li postijiet oħra jkunu solidali magħhom.

Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għal din l-isħubija.

31.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Forestals Ltd lest li jibda x-xogħol fuq il-Ġnien it-tfal taż-Żurrieq f'nofs Diċembru u lest li jlesti x-xogħol sa' Frar 2015.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li minħabba li dan xogħol ser jiġi mħallas mil-budget tas-sena d-dieħla, tkellem mal-kuntratturi l-oħra li ser jagħmlu Ġnien l-Emigranti Żrieraq u Ġnien il-Bennej, biex jara jistgħux jibdew ix-xogħol tagħhom din is-sena. S'issa għad m'għandux risposta pożittiva.

*31.6 Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – It-tielet kwart*

31.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart imħejji mill-Accountant tal-Kunsill.
Ir-rapport ġie approvat.

*31.7* **Proġett tal-funtana ta' Misraħ Mattia Preti u Roundabout fi Vjal il-Blue Grotto**

31.7.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-permessi tal-Mepa re: funtana f'Misraħ Mattia Preti ħarġu u l-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti.

31.7.2 Is-Sindku qal li kellu diversi laqgħat fuq il-funtana/roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto, kemm mad-Direttur tal-ELC Dr Cuschieri li beħsiebu jagħti l-għajnuna tiegħu fil-bdil tal-funtana u kemm mal-familja Ghigo (ta' Pataw) li kienu huma li sponsorjaw l-funtana preżenti u li aċċettaw li din titneħħa u kienu lesti ukoll li jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-funtana l-ġdida.

Is-Sindku wera lill-Kunsill il-pjanti tal-funtana proposta **Dok 2** u kien hemm qbil li jsir appuntament ieħor mal-ELC fejn ikunu preżenti dawk il-kunsilliera interessati.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li għall-ewwel kien xettiku fuq il-bdil ta' din il-funtana minħabba li dik preżenti kienet iffinanzjata minn familja miż-Żurrieq, imma hu żied jgħid li jirringrazzja lis-Sindku u faħħru tal-inizjattiva

li ħa billi ġab l-approvazzjoni tagħhom biex tali funtana tinbidel.

### *31.8 Bring in Sites*

31.8.1 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u mal-Kunsilliera Pierre Farrugia u Kevin Sam Farrugia kellhom laqgħa ma' rappreżentant tal-Green Pak, fejn issuġġerew li jitneħħew il-Bring in Sites ta' Triq Kalanġ Bugeja f'Bubaqra, ta' Triq P P Pullicino u ta' Triq L Zerafa fiż-Żurrieq, minħabba li qed jintużaw ħażin mir-residenti.

Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li kull bring in site fiż-Żurrieq qed tintuża b'mod ħażin.

Kien hemm qbil li jinżammu l-bring in sites ta' fejn iċ-Ċimiterju (u issir CCTV magħha) u dik ta' Triq il-Barrieri minħabba li ser tkun pilot project mir-Reġjun Nofsinhar peress li ser tiġi installata l-ewwel CCTV b'infurzar tal-liġi, ħdejha. Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li din il-camera ħa tkun qed tissorveljaha il-kumpanija tal-wardens.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### *31.9 Quotations: Airconditionging Systems fil-Berġa tas-Saħħa Żurrieq*

31.9.1 Wara laqgħa ma' rappreżentanti mill-Primary Health Care fuq l-arja kkundizzjonata fil-berġa. Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-ħames Acs.
Dawn huma :

**Tuesday 28th October**

| Contractor | Amount per unit | Total Amount inc VAT |
|---|---|---|
| Cassar Airconditioning Systems Ltd | 569 | 2845 |
| Pantalesco | 720 | 3600 |
| Kencar Company Ltd | 620 | 3100 |

| | | |
|---|---|---|
| Artech Innovative Solutions | 570 | 2850 |
| Frank Borda Ltd | 689 | 3445 |
| Joe Vella | 500 | 2500 |
| Arjakon | 950 | 2725 |

31.9.1 Kien hemm qbil unanimu fuq l-orħos offerta tas-Sur Joe Vella bl-ammont totali ta' €2500. Fit-30 ta' Ottubru, 2014, is-Sindku ser jiffirma ftehim mal-Primary Health Care fir-rigward tal-ħlas tal-imsemmija Ac.

***31.10 Aġġudikazzjoni ta' Tenders :***

***PRTKN 67/04/14 – Supply of Printed Material***
***PRTLH 67/03/14 – Supply of Letter Heads, Complimentary Slips, Envelopes, Business Cards, Receipt Books***
***RP 67/05/14- Road Patching***

31.10.1 Fis-26 ta' Settembru, infetħu l-offerti u r-riżultati jinsabu mehmuża ma' dawn il-minuti **DOK 3**.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jgħażel l-orħos offerent fuq kull offerta.
L-orħos offerenti kienu hekk kif ġej:
*PRTKN 67/04/14 – Supply of Printed Material –* ***Union Print***
*PRTLH 67/03/14 – Supply of Letter Heads, Complimentary Slips, Envelopes, Business Cards, Receipt Books –* ***Johnathan Haber (TIK Communications)***
*RP 67/05/14- Road Patching –* ***Il-Perit William Lewis ħareġ rapport fuq l-offerti u rrakkomanda l-orħos offerent li kien Elle's Urban Services DOK 4.***

F'dan il-ħin il-Kunsillier Dino Bonnici f'ismu u f'isem il-Kunsilliera Pierre Farrugia u Kevin Sam Farrugia ressqu dikjarazzjoni lill-Kunsill u din ġiet approvata, ħlief għal kjarifika hawn taħt imsemmija. **Dok 5** mehmuż.

Il-kontenut tal-ittra jgħid hekk:
*Inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-orħos offerent huwa Ells, jien Dino Bonnici, f'isem Pierre Farrugia u Kevin Farrugia nissottomettu din id-dikjarazzjoni: Qegħdin formalment nitlobu biex mill-ġurnata li l-kuntratt ta' Ells jidħof fis-seħħ kull xogħol rapurtat u li sussegwentament isir irid jiġi notifikat u muri jew moqri fl-iskeda tal-pagamenti waqt Seduta tal-Kunsill. Dan qed iseħħ invista tal-inċident li kien seħħ kaz no. 323/13 – Resurfacing ta' Sqaq il-Warda – Żurrieq, li dettalji tiegħu din is-sede hi diġa ben infurmata. Għaldaqstant, iżda aħna qed naqblu li tali kuntrattur jirbaħ dan it-tender minħabba li huwa l-orħos wieħed. Tali de1izjoni hi bbażata anke fuq il-fatt li l-Perit ta' dan il Kunsill iġġudika din l-offerta bħala l-aktar waħda valida u vantaġġuża.*

31.11 ***Estensjoni ta' Kuntratti :***
***PC67/06/13 – Cleaning & Attendance of Public Conveniences***
***BR67/05/13 – Collection of Bulky Refuse***

31.11.1 Kien hemm qbil li ssir l-estenzjoni taż-żewġ kuntratti.
Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-kollezzjoni tal-Bulky Refuse, fejn jitressaq l-ilment li xi drabi l-ġbir isir fit-tard. Kien hemm qbil li jiġi miftiehem ħin bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur u dan il-ħin jinkiteb fit-tiġdid tal-kuntratt.

*31.12* ***Approvazzjoni: Xogħlijet u Servizzi***

31.12.1 Is-Sindku qal li hu u l-Kunsillier Kevin Sam Farrugia kellhom laqgħa ma' rappreżentanti ta' Transport Malta fejn ġew diskussi:
It-traffiku fi Vjal ix-Xarolla u Xelter f'Misraħ Mattia Preti.

- Fir-rigward ta' Vjal ix-Xarolla kien hemm qbil li s-soluzzjoni ta' Vjal ix-Xarolla hi li titwessa u mhux li tinbidel is-sistema tat-traffiku. Kien hemm qbil li l-perit tal-Kunsill jgħamel rapport tal-ispiża tat-twessieħ ta' Vjal ix-Xarolla u jitressaq lil Transport Malta. Dan ir-rapport sar u tressaq. Is-Sindku qal li sa seduta oħra Transport Malta għandi tagħti risposta fuq it-twessieh tal-Vjal.

- Fir-rigward tax-Xelter f'Misraħ Mattia Preti, Transport Malta ser toffri kamra mill-propjeta' li għandha fil-misraħ biex il-Kunsill jieħdu ħsieb jgħamel l-alterazzjonijiet meħtieġa biex isservi bħala xelter.

31.12.2 Is-Sindku qal li tkellem mal-Onorevoli Ian Borg fuq wiċċ ġdid ta' Triq Ħal Far u ssuġġerixxa li ssir laqgħa miegħu fejn ikunu preżenti l-Kunsilliera li jkunu interessati. Kien hemm qbil fuq dan.

31.12.3 Il-Kunsillier Raymond Grixti staqsa jekk id-despensers tal-letrina fil-Ġnien il-Ġibjun issewwewx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.

31.12.4 Il-Kunsillier Claudio Zammit ressaq il-proposta uffiċċjalment li l-Capitano Sergio Nanni tal-ġunta ta' Borgo Maggiore jingħata 'Ġieħ iż-Żurrieq' hekk kif kien maqbul diġa' informalment bejn il-Kunsilliera qabe din is-seduta. Il-Kunsill ikkonferma unanimament dan u qalbel li dan il-premju għandu jingħada direttament lis-Sur Nanni u mhux jintbagħat bil-posta. Dan għandu jkollu l-għamla bħal dawk li ngħataw aktar kmieni din is-sena.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li l-mawra tad-delegazzjoni ta' Borgo Maggiore kienet suċċess u rringrazzja lill-istaff għall-ħidma tagħhom u lill-Kunsilliera li attendew għall-attivitajiet, b'mod speċjali lill-Kunsillier Joseph D'Amato li akkumpanjahom għall-biċċa l-kbira tal-mawra tagħhom.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato kkonferma kemm id-delegazzjoni ta' Borgo Maggiore ħadu gost f'Malta u bl-ospitalita' tal-Kunsilliera.

31.12.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir double yellow line fi Triq il-Karmnu, quddiem garaxx li minħabba li jipparkjaw il-vetturi faċċata tiegħu ma jkunx jista joħroġ u jdaħħal il-vettura.
Kien hemm qbil li l-post hu dejjaq u qbil li jsiru l-linji sofor.

31.12.6 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-ex uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali, biex jintuża bħala post fejn jitpoġġew l-arkivji tal-Kunsill u post għall-korsijiet u parti oħra għall-mużew.
Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibda bil-proċess.

31.12.7 Il-kunsillier Joseph D'Amato semma korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand MFSS, 'Community Services to Older Persons in Partnership with Local Councils'. Il-Kunsill qed jintalab l-għajnuna tiegħu fuq siti li jistgħu jservu biex jinbena Respite Care Centre. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jindika l-art f'Tal Bebbux li l-Kunsill diġa għandu korrispondenza fuqha mad-Dipartiment tal-artijiet.

Kien hemm qbil fuq dan.

31.12.8 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fid-9 ta' Novembru, ser issir is-17 –il edizzjoni tal-Half Marathon. Kien hemm qbil li bħal kull sena bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves il-Kunsill joħroġ is-somma ta' €1,500 bħala parti mill-

ispejjeż u s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Dino Bonnici jqassmu l-premijiet. Għal din is-sena ser ikun hemm 600 parteċipant fosthom atleti barranin.

Kien hemm qbil fuq dan.

31.12.9 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra, iffirmata mill-Kunsilliera kollha, lill-Kummissarju l-ġdid tal-Unjoni Ewropea, l-Perit Karmenu Vella. Hu żied jgħid li l-Perit Vella hi persuna miż-Żurrieq u dan il-prestiġju u valur jagħmel unur liż-Żrieraq u l-Kunsill għandu juri l-apprezzament għax xogħol li għamel f'Malta tul il-karigi li okkupa.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

31.12.10 Is-Sindku ppropona li tinkiteb ittra liż-żewġ għaqdiet biex jieħdu ħsieb bi ħlas l-armar tal-Milied kemm ta' Triq P P Saydon u kemm tal-parti ta' Bubaqra, skont kif imisshom din is-sena.

Kien hemm qbil fuq dan.

**31.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

31.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta'**€49,908.17.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis- Sindku Ignatius Farrugia, mill-Kunsilliera Dino Bonnici u Kevin Sam Farrugia.

**31.14 Data tas-seduta li jmiss.**

31.14 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2014

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |